Minuti Laqgħa Numru 34 tal-Kunsill Lokali Qala

Il-Ġimgħa, 28 ta’ Mejju, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ġimgħa, 28 ta’ Mejju 2021, fl-5:14 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

PREŻENTI PERMEZZ TA’ ZOOM *ONLINE SOFTWARE*
Joseph Buttigieg – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 34.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

# 34.2 Triq l-Indipendenza

34.2.1 Il-laqgħa ssejħet fuq talba tas-Sindku wara li l-iskrivana tal-Kunsill irrappurtat li mar persuna residenti fi Triq l-Indipendenza jhedded lill-Kunsill. L-iskrivana ħadet nota ta’ x’qalilha u bagħtet rapport permezz ta’ żewġ email lis-Sindku.

34.2.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara dawn l-emails fil-laqgħa. L-istess emails qed jiġu mehmuża ma dawn il-minuti (“**Appendix 1 (8.34)**” u “**Appendix 2 (8.34)**”).

…



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Is-Sindku spjega li din il-laqgħa ssejħet minħabba in-natura tat-theddid li bihom saru dawn l-ilmenti, u talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jghaddi kopja ta' dawn l-emails lill-kunsilliera. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għadda dawn il-korrispondenzi lill-kunsilliera dak il-ħin stess.

Il-Kunsillier Joseph Buttigieg stqarr li diffiċli li tattribwixxi ħsara bħal konsenturi ma trakkijiet, imkella kull min jgħix fi triq li minnha jgħaddu t-trakkijiet ikun jista' jibda jagħmel *claims* simili.

Is-Sindku semma li fil-passat riċenti kien hemm persuna partikulari li talab għal *sleeping police* fl-istess triq. Dil-persuna intalbet iġġib il-firem tar-residenti l-oħra, bħal ma diġà kien ġara fi triq iż-Żewwieqa għaliex din qed jinsistu fuqha ta' *Transport Malta* (TM). Dan għaliex mhux kulħadd ikun irid *sleeping police* peress dawn huma kaġun ta' ħafna storbju tal-karozzi. Fil-fatt is-Sindku qal li bħalissa hemm petizzjoni simili għaddejja fuq *double yellow line* fi sqaq ta' Triq il-Wardija, li għaliha s'issa iffirmaw 2.

Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li fl-opinjoni tiegħu, dak li ried jghid il-Kunsillier Joseph Buttigieg hu  li ma rridux intuwhom x'jifhmu li se tissewwa t-triq minhabba ħsara kkawżata mit-trakkijiet għax imkella kulħadd jibda jitlob li jsiru tiswijiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-Sindku Paul Buttigieg qal li qatt ma rċieva theddid sfaċċjat u b'paroli żejda bħal dawn. Jaf li hemm kampanji biex ma jibqax Sindku, imma hu jibqa' hemm sakemm jibqgħu jeleġġuħ in-nies.

Il-Kunsillier Karl Buttigieg ikkummenta li l-Kunsill m'għandux kontroll fuq minn fejn jgħaddu it-trakkijiet – dik biċċa ta' TM. Ir-responsabilità tal-Kunsill hi ir-*resurfacing*. Issuġġerixxa li tinħadem *Bill of Quantities* minn perit biex naraw x'xogħolijiet hemm meħtieġa f'dik it-triq. Il-Kunsill unanimament qabel li t-triq għandha bżonn manutenzjoni urġenti; u biex jinbeda' ix-xogħol għal *Bill Of Quantities* (BOQ).

Il-Kunsillier Joseph Buttigieg: veru Triq l-Indipendenza għanda bżonn manutenzjoni, imma anqas bħala Kunsill ma jista' joqgħod għal rikatti bħal dawn.

Sindku qara abbozz ta' stqarrija biex titpoġġa fuq il-media soċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Biex nirrispondu b'mod formali għal dawn l-ilmenti Sindku irrikmanda li titqabbad Dr Claire Bonello ħalli tifformola tweġiba. Il-Kunsill qabel ma dan.

Fi tmiem il-laqgħa, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab parir mingħand il-membri preżenti dwar *Schedule of Payments* li fiha hemm biss il-pagi tal-ħaddiema u allowances tal-Kunsilliera għax-xhur ta' April u Mejju. Il-ligi tgħid li laqgħa ta' emerġenza jista' jiġi dikuss item wieħed biss, però bi qbil fost il-Kunsilliera ikunu jistgħu jitressqu *items* oħrajn. Il-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Kunsill qabel unanimament li din is-*Schedule* titressaq illum. Wara sar il-qari tas-Schedule of Payments li ukoll ġiet approvata unanimament.

## 34.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-5:41 ta' filgħaxija. Intlaħaq qbil li l-laqgħa li jmiss tibqa' skedata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Ġunju 2021 fl-4:30pm kif oriġinarjament maqbul f'laqgħa numru 33.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt